## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 778/1999**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Fabian Fleri)**

**Vs**

**Frank sive Frankie Calleja**
**(K.I. 329069M)**

**Mario Spiteri**
**(K.I. 13576M)**

**Jason Paul Grima**
**(K.I. 291770M)**

**Illum, 1 ta' Novembru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Frank sive Frankie Calleja**, ta' 30 sena, bin Francis u Rita nee' Schembri, imwieled il-Pietà fis-16 ta' Awwissu, 1969 u residenti fi 13, Triq Binġemma, Mġarr, detentur tal-Karta tal-Identità 329069(M); **Mario Spiteri**, ta' 24 sena, bin Carmel u Maria nee' Buttigieg, imwieled Ħ'Attard fl-14 ta' Ġunju, 1975 u residenti Flat 9, Binja

Buqana, Triq it-Torri tal-Arloġġ, Mtarfa, detentur tal-Karta tal-Identità numru 13576(M); u **Jason Paul Grima**, ta' 29 sena, bin Joseph u Filippa nee' Zammit, imwieled Ħ'Attard fl-10 ta' Lulju,1970 u residenti ġewwa Awrikria, Triq San Ġorġ, Wardija, detentur tal-Karta tal-Identità 291770(M) u akkużati:

a. Talli fl-4 ta' Novembru, 1999, għall-ħabta tal-10:00pm, fil-Fontana Għawdex, bil-ħsieb li jikkommettu delitt ta' serq mill-fond Fontana Jewellery li jinsab fi Pjazza l-Għejjun, Fontana, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tagħhom, u liema delitt kieku ġie kkunsmat kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, valur li jaċċedi l-elf lira Maltin (LM 1,000), vjolenza numerika u l-ħin u dan għad-detriment ta' Anton Cassar.

b. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn Lm 10 iżda lanqas minn Lm 50, għad-dannu tal-istess Anton Cassar.

c. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-2 t-3 ta' Novembru, 1999, fil-Pieta', ikkommettew serq ta' vann tal-marka Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni FBC 072, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, ħin, bil-vjolenza numerika, valur li jaċċedi l-Lm 1000, u xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-detriment ta' Stephen Farrugia u Charles Calleja.

d. U aktar talli fl-4 ta' Novembru 1999, u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.

e. U aktar talli fl-4 ta' Novembru 1999, filgħaxija, f'diversi lokalitajiet f'Għawdex, naqsu milli jobdu l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija.

f. Lil Jason Paul Grima waħdu nakkużawh talli fl-istess data, lok u ħin, f'diversi lokalitajiet f'Għawdex, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IAK 135, b'manjiera perikoluża u traskurata.

g. Lil Mario Spiteri waħdu, talli fl-4 ta' Novembru, 1999, għall-ħabta tal-11p.m. fix-Xagħra, Għawdex, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuni tal-Ispettur Antonello Grech, WPS 160 Josephine Camilleri, P.C. 1371 Alfred Grech, P.C. 1365 Joe Piscopo, P.C. 1005 Mario Cordina, P.C. 1075 Joseph Micallef u P.C. 1477 Joseph Galea, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku wa qt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi l-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi nhar it-22 ta' Lulju 2002, l-Avukat Ġenerali bagħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex Frank sive Frankie Calleja, Mario Spiteri u Jason Paul Grima jiġu ġudikati minnha stess billi jidhirlu li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub:-

Fil-konfront ta' **Frank sive Frankie Calleja**:

1. Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f), 262(b), 263, 267, 270, 277, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 325, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 262(b), 263, 267, 270, 271, 277, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 338(ec) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' **Jason Paul Grima**:

1. Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f), 262(b), 263, 267, 270, 277, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 325, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 262(b), 263, 267, 270, 271, 277, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikolu 338(ec) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' **Mario Spiteri**:

1. Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f), 262(b), 263, 267, 270, 277, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 325, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 262(b), 263, 267, 270, 271, 277, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikolu 338(ec) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fid-29 ta' Ottubru 2008, l-akkużati taw il-kunsens tagħhom sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi din is-sentenza titratta biss l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-akkużati waqt is-seduta tat-03 ta' April 2023;

Illi qabel xejn il-Qorti sejra tagħmel sunt qasir tal-*iter* proċesswali ta' dan il-kaz:

- Illi l-akkużati odjerni tressqu quddiem dina l-Qorti bħala Qorti Istruttorja fis-6 ta' Novembru 1999 akkużati b'allegati reati li seħħew bejn it-2 u l-4 ta' Novembru 1999;
- Illi fit-2 ta' Diċembru 1999, il-kumpilazzjoni reġgħet bdiet mill-bidu stante li l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni;
- Illi fis-seduti tat-2 ta' Diċembru 1999 u tal-14 ta' Jannar 2000 il-prosekuzzjoni ressqet numru konsiderevoli ta' provi;
- Illi jidher li mill-14 ta' Jannar 2000 sad-09 ta' April 2002 ma ġie reġistrat ebda progress fl-andament tal-kumpilazzjoni għal diversi raġunijiet attribwibbli kemm lill-prosekuzzjoni kif ukoll lill-akkużati;
- Illi fid-09 ta' April 2002 il-prosekuzzjoni kompliet tressaq aktar provi;
- Illi jidher li mid-09 ta' April 2002 sad-29 ta' Ottubru 2008 ma ġie reġistrat ebda progress;
- Illi fid-29 ta' Ottubru 2008 inqraw l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;
- Illi jidher li mid-29 ta' Ottubru 2008 sal-14 ta' Mejju 2010 ma ġie reġistrat ebda progress;

- Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2010 l-akkużat Frank Calleja u Mario Spiteri ddikkjaraw li m'għandhomx provi xi jressqu;
- Fis-07 ta' Diċembru 2011 il-Qorti bagħet il-kawża *sine die* minħabba li ma kien qed jiġi reġistrat ebda progress;
- Il-kawża reġgħet ġiet appuntata minn din il-Qorti għat-22 ta' Settembru 2022;
- Illi fis-seduta tat-3 ta' April 2023, id-difensuri tal-akkużati eċċepew il-preskrizzjoni tal-akkużi odjerni;

Ikkonsidrat;

Illi l-eċċezzjoni tad-difensuri hija bbażata fuq il-fatt li l-akkużi jirreferu għall-allegati reati li twettqu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att III tal-2002. Illi dan l-Att introduċa l-Artikolu ġdid 687(2) fil-Kodiċi Kriminali li jaqra hekk:-

> *"(2) Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."*

Illi qabel l-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, il-posizzjoni legali rigward il-perjodu preskrittiv kienet dik stipulata mill-Artikolu 693 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu kien viġenti fiż-żmien meta twettqu l-allegati reati u għadu viġenti sal-ġurnata tal-lum.

L-Artikolu 693(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipola illi:-

> *"**693.** (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat."*

Filwaqt li l-Artikolu 693(3) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li:-

*"(3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur."*

Illi b'hekk jirriżulta li tul il-proċeduri odjerni kien hemm żewġ reġimi fir-rigward tal-operazzjoni tal-perjodu preskrittiv:

(i) miż-żmien ta meta seħħew l-allegati reati sat-30 ta' April 2002 ir-reġim kien li l-perjodu preskrittiv jibqa' jiddekorri u jinkiser kull darba li l-imputat jew akkużat jiġi notifikat b'xi att tal-proċediment b'dan illi jerġa jibda' mill-ġdid;

(ii) mill-1 ta' Mejju 2002 'l quddiem, bid-dħul fis-seħħ l-Att III tal-2002, ir-reġim inbidel billi l-perjodu preskrittiv jkun *ex lege* sospiż mal-mument li l-imputat jew akkużat jiġi notifikat bl-imputazzjonijiet jew akkuża u jibqa' hekk sospiż sal-ġurnata li tingħata is-sentenza finali.

Illi b'hekk jirriżulta li minkejja li l-proċeduri odjerni ġew inizzjati fiż-żmien fejn ir-reġim preċedenti kien għadu applikabbli, fiż-żmien meta daħal fis-seħħ l-Att III tal-2002, il-proċeduri kienu għadhom pendenti u baqgħu hekk sal-lum. Dan neċessarjament iqajjem id-domanda dwar liema minn dawn iż-żewġ reġimi huwa applikabbli għall-każ *de quo.*

Illi l-mibki Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu dwar il-proċedura Kriminali jgħid dwar il-każijiet fejn l-azzjoni tkun bdiet taħt liġi waħda u sussegwentement tidħol liġi ġdida fis-seħħ:

*"The most commonly accepted doctrine is that where the laws which succeed one another vary as to the conditions or effect of prescription, the same principle should apply, as govern the operation of substantive criminal law in the same circumstances, i.e.:*

> *"(1) that the law in force at the time of the commission of the offence applies to the prescription which has commenced to run while the law was in force;*
>
> *"(2) that nevertheless, the provisions of a subsequent law which comes into operation after the commencement of prescription apply retrospectively if they are more favourable to the defendant."*[1]

Illi minn dan il-bran jirriżulta li l-unika istanza fejn liġi ġdida tista' tiġi applikata għal proċeduri inizzjati qabel id-dħul fis-seħħ tagħha hija meta tali liġi tkun aktar favorevoli għall-imputat jew akkużat. Fin-nuqqas, hija l-liġi l-antika li għandha tibqa' tapplika. Illi fil-proċeduri odjerni, huwa ċar li bid-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 687(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-posizzjoni fuq l-akkużati ġiet ferm aktar oneruża billi neħħiet għal kollox il-possibilità li l-proċeduri odjerni jiġu dikjarati preskritti. B'hekk, huwa r-reġim l-antik, ossija dak ibbażat interament fuq l-Artikolu 693(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li għandu jibqa' japplika peress li dan huwa l-aktar reġim favorevoli għall-akkużat.[2]

Stabbilit dan, imiss issa li l-Qorti tistabbilixxi jekk bejn notifika u oħra tal-atti proċesswali lill-akużati laħaqx iddekorra l-perjodu preskrittiv. L-ewwel pass li għandha tagħmel il-Qorti, b'hekk, huwa li teżamina l-pieni għar-reati indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu sabiex tistabbilixxi l-perjodi preskrittivi.

Illi stante l-fatt li t-tlett akkużati għandhom akkużi simili miġjuba kontrihom, il-Qorti sejra tikkunsidra l-artikoli b'mod kollettiv.

Illi fir-rigward tal-allegati reati ta' serq miġjuba kontra l-akkużati, l-ewwel akkuża miġjuba kontrihom tolqot ir-reati kkontemplati fl-Artikoli 261(a)(b)(ċ)(f), 262(b), 263, 267, 270, 277, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-

---

[1] Sir Anthony Mamo, Notes on Procedural Law, pg. 42

[22] Il-Qrati ħadu din il-posizzjoni f'diversi okkażjonijiet, fosthom fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Farrugia**, 7 ta' Diċembru 2016, Qorti tal-Appell. Ara wkoll is-sentenza **Il-Pulizija vs Victor Pisani**, 30 ta' Settembru 2013 Qorti tal-Maġistrati (Malta), fejn il-Qorti għamlet rakkolta ta' diversi sentenzi *in materia*.

Liġijiet ta' Malta, filwaqt li t-tielet akkuża tikkontempla r-reati misjuba fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 262(b), 263, 267, 270, 271, 277, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-piena għal dawn ir-reati hija dik stabbilita mill-Artikolu 277(b) li tagħmel referenza għall-Artikoli 274, 275, 276 jew 276A. Illi b'applikazzjoni għal-akkużi *de quo*, li kieku kellha tinstab ħtija għal dawn l-allegati reati, il-piena applikabbli hija dik stipulata mill-Artikolu 276, ossija priġunerija għal żmien minn disa' xhur sa' tliet snin, li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena massima għal dawn l-akkużi hija dik ta' ħames snin priġunerija.

Illi l-Artikolu 688(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi perjodu preskrittiv ta' għaxar snin għal din it-tip ta' piena.

Illi l-akkużati għandhom ukoll in komuni t-tieni akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali, ċioè ir-reati kkontemplati fl-artikoli 325 u 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mill-imputazzjonijiet miġjuba mill-prosekuzzjoni jirriżulta li l-allegazzjoni kontra l-akkużati hi li huma wettqu ħsara volontarja li ma teċċedix il-Lm50 iżda hi aktar minn Lm 10. Fiż-żmien ta' meta allegatament twettqu r-reati odjerni, il-liġi viġenti kienet tgħid is-segwenti:

> *"(ċ) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri ħamsin lira, imma jkun iżjed minn għaxar liri, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur"*

B'hekk, ai termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-perjodu preskrittiv għal dan ir-reat kien ta' sentejn meta allegatament seħħ;

Illi dwar l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta iċċitat mill-Avukat Ġenerali, dan l-artikolu jirreferi għar-reat ta' "riċettazzjoni" liema reat huwa alternattiv għar-reati ta' serq kif indikati fl-ewwel u t-tielet akkuża miġjuba

mill-istess Avukat Ġenerali. B'hekk il-Qorti mhux se tieħu kont ta' dan ir-reat għall-finijiet tal-preżenti eżerċizzju stante li fi kwalunkwe każ, il-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat hija l-istess bħal dik tar-reat awtur, f'dan il-każ ta' allegat serq.

Illi finalment, ir-raba akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali fil-konfront tal-akkużati hija l-indikazzjoni tal-Artikolu 338(ec) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-artikolu ma jeżistix fil-Kodiċi Kriminali u lanqas kien jeżisti fiż-żmien meta allegatament seħħew il-preżenti reati. B'hekk il-Qorti m'hijiex se tieħu konjizzjoni ta' din ir-raba' akkuża.

Illi Jason Paul Grima waħdu, flimkien mal-akkużi sopra ċitati għandu wkoll l-akkuża msejsa fuq l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 li, fiż-żmien ta' meta allegatament twettqu r-reati kienu jikkontemplaw piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kellu perjodu preskrittiv ta' sentejn;

Illi Mario Spiteri waħdu, flimkien mal-akkużi sopra ċitati għandu wkoll l-akkuża msejsa fuq l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu kien jistipula, fiż-żmien ta' meta allegatament twettqu r-reati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda bi grad, liema piena massima hija ta' sitt xhur priġunerija. L-artikoklu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola perjodu preskrittiv ta' sentejn għal dan ir-reat.

Ikkonsidrat;

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-aħħar darba li l-akkużat kienu preżenti għall-proċeduri, kien fit-23 ta' Ġunju 2011. Fis-seduti sussegwenti tat-22 ta' Lulju 2011 u tal-21 ta' Ottubru 2011 l-akkużati ma dehrux filwaqt li fis-seduta tas-07 ta' Diċembru 2011 il-Qorti iddiferiet il-proċeduri odjerni sine die.

Illi għall-finijiet ta' din is-sentenza, u abbażi tal-proċedura solita illi l-akkużati jiġu notifikati seduta stante minn seduta għall-oħra, il-Qorti sejra

tassumi illi l-aħħar darba li l-akkużati ġew notifikati b'xi att tal-kawża (f'dan il-każ bin-notifika għas-seduta li jmiss) kien propju fit-23 ta' Ġunju 2011.[3] Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 693(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiddikjara illi l-preskizzjoni fil-konfront tar-reati odjerni inkisret fit-23 ta' Ġunju 2011.

Illi mill-eżami li l-Qorti għamlet aktar 'l fuq f'din is-sentenza fir-rigward tal-pieni applikabbli f'każ ta' sejbien ta' ħtija għar-reati dedotti kontra l-akkużati jirriżulta li l-aktar perjodu preskrittiv twil huwa dak ta' għaxar snin. Dan ifisser li dan il-perjodu preskrittiv immatura fit-23 ta' Ġunju 2021, ossija għaxar snin wara l-aħħar darba li nkisret il-preskrizzjoni kif hawn fuq espost.

Naturalment, jekk l-aktar perjodu twil huwa llum preskritt, l-istess jista' jingħad għall-perjodu inqas twal kif hawn fuq esposti.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mid-difiża fis-seduta tat-3 ta' April 2023 u qed tiddikjara l-proċeduri odjerni bħala preskritti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**

[3] Ara **Il-Pulizija vs Bartolomew Bonnici**, 31 ta' Ottubru 2013, Qorti tal-Appell Kriminali, fejn il-Qorti rriteniet illi bil-preżenta tiegħu, l-akkużat issottometta ruħu għall-ġudizzju ta-Qorti u allura tqies li kien notifikat. Din is-sentenza qed issegwi l-istess raġunament sabiex tiddetermina l-aħħar notifika għall-finijiet tal-Artikolu 693 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.